**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Susan Bugeja**

Numru 71/2013

Illum 4 ta' Gunju 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Susan Bugeja,** ta' hamsa u erbghin (45) sena, bint Philip u Carmelina nee' Zammit imwielda Attard, Malta nhar is-26 ta' Mejju 1968, residenti fil-fond 51, Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem, Ghawdex u detentrici tal-karta' tal-Identita' bin-numru 228468(M), akkuzata talli nhar l-14 ta' Lulju 2013 minn gewwa Jumbo's Bar li jinsab fi Triq Ghajnsielem,

Ghajnsielem u fix-xhur ta′ qabel, minn gewwa diversi postijiet ohra f′dawn il-gzejjer, b′diversi atti maghmulin minnha stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b′rizoluzzjoni wahda;

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta′ persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita′ moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet

ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta

lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkommettiet dawn ir-reati f'post, fi/jew gewwa centru, u jew distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu zghazagh (skola) bi ksur tal-Ordinazzjoni dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali moghtija *ai termini* tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (*a fol* 428);

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef;

Rat illi b'digriet tal-ghaxra (10) ta' Jannar 2018 (Fol. 509 et seq.) il-Qorti cahdet it-talba tal-imputata sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti

Dwar id-Droga stante li kien nieqes ir-rekwizit fl-artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 (Fol. 552) il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fil-31 ta' Dicembru 2018 (Fol. 565 et seq.);

Rat illi d-Difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fil-31 ta' Jannar 2019 (Fol 569 et seq.);

Rat l-atti kollha tal-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu 30 xhud:

*PC 138 Joseph Portelli (a fol. 32 et seq.), PS 552 Matthew Grech (a fol. 35 et seq.), PC 102 Anthony Portelli (a fol. 39 et seq.), WPC 14 Rose Anne Tabone (a fol. 57), PC 1427 Oliver Micallef (a fol. 58 et seq.), PS 676 Edelon Spiteri (a fol. 60 et seq.), OMISSIS (a fol. 62 et seq.), WPC 151 Carmen Parnis (a fol. 146 et seq.), Carmela Grima (a fol. 148 et seq.), Catherine Pace (a fol. 154 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol.*

*156 et seq.), OMISSIS (a fol. 164 et seq.), OMISSIS (a fol. 167 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 183.), OMISSIS (a fol. 184 et seq.), OMISSIS (a fol. 189 et seq.), Max Xuereb (a fol. 222), Alvin Scicluna (a fol. 248 et seq.), WPC 305 Stephanie Muscat (a fol. 285), OMISSIS (a fol. 294 et seq.), OMISSIS (a fol. 298 et seq.), OMISSIS (a fol. 313 et seq.), Spizjar Godwin Sammut (a fol. 316 et seq.), Kurt Mahoney (a fol. 372 et seq.), Perit Angelo Portelli (a fol. 419 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 432 et seq.), Psikjatra Dr. Joseph Spiteri (a fol. 448 et seq.), Psikjatra Mark Xuereb (a fol. 457 et seq.), Annabelle Bugeja (a fol. 522 et seq.) u Anabel Bugeja (a fol. 553(a) et seq.)*

**Ikkunsidrat:**

- **<u>RIASSUNT TAX-XHIEDA PRODOTTI</u>**

**<u>PC 138 Joseph Portelli</u>** (Fol. 32) xehed li l-Pulizija rceviet informazzjoni li kien qieghed isir traffikar ta' kokajina minn stabbiliment jismu Jumbo's Snack Bar f'Ghajnsielem, Ghawdex. Fil-gurnata tal-Gimgha, tnax (12) ta' Lulju 2013 ix-xhud spjega li l-Pulizija bdiet taghmel sorveljanza fuq il-post. Ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin ta' filghaxija (21.40hrs), giet innutata vettura bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS li kienet misjuqa minn OMISSIS. Dan ipparkja faccata tal-hanut u dahal gewwa l-hanut.

Ix-xhud kompla jispjega li waslet ukoll vettura Toyota Tercel ta' lewn abjad bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS li kienet misjuqa

minn OMISSIS. Dan dahal u hareg mill-ewwel u telaq minn fuq il-post. OMISSIS dam hames minuti sabiex hareg mill-hanut u kif hareg ix-xhud informa lill-unit ohra li kellu stand-by biex iwaqqfuh. OMISSIS twaqqaf ir-Rabat u fuqu nstabu zewg pakketti bi trab suspettat kokajina.

Aktar tard waslet fuq il-post vettura Toyota Vitz ta' kulur silver li pero' n-numru ta' registrazzjoni ma setax jittiehed. Il-passiggier dahal gewwa l-istabbiliment, hareg wara hames minuti u rega' rikeb fil-vettura u saq fid-direzzjoni tar-Rabat, Ghawdex. Dan twaqqaf. Il-passiggier irrizulta li kien OMISSIS pero' t-tfittixija li saret irrizultat fin-negattiv.

Ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin hamsa (23.55hrs), PC 138 Joseph Portelli kompla jghid li innota lil certu Sue Bugeja li huwa gharaf fl-awla li harget mill-hanut u marret fil-kantuniera li taghti ghat-triq principali u cioe' Triq l-Imgarr. F'idha kellha pakkett tas-sigaretti. Vettura waqfet fi triq ohra faccata. Bugeja qasmet it-triq, marret fejn din il-vettura u ghaddiet pakkett tas-sigaretti u xi haga ohra zghira lil dan l-individwu li kien fil-vettura. Dan taha xi haga tal-flus u saq lejn id-direzzjoni tar-Rabat. Din il-vettura kienet Volkswagen Bora bin-numru OMISSIS. Ghalkemm ix-xhud ta' struzzjonijiet biex din il-vettura titwaqqaf, il-Pulizija tilfu l-vettura.

Is-sorveljanza kompliet l-ghada s-Sibt ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija. Ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18.30hrs) OMISSIS li kellu lambretta hadra, dahal fil-hanut u hareg zewg

minuti wara. Huwa saq lejn id-direzzjoni tax-Xatt. Zewg pulizija PC 102 u PS 552 ohra waqqfuh fejn il-vapur. Pero' tfittxija li saret fuqu rrizultat fin-negattiv.

Aktar tard ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghaxija (22.45hrs), PS 552 informa lix-xhud li kienet waqfet vettura fejn kienu qeghdin huma. Il-passiggier kien nizel mill-vettura u mexa fid-direzzjoni tal-hanut. Dan kien guvni liebes qmis sewda u jeans blu. Dan dahal fl-istabbiliment u hareg ftit tal-hin wara. Hekk kif rega' rikeb fil-vettura, unit tal-Pulizija saqu wara din il-vettura. Ix-xufier induna li kien qieghed jigi segwit u saq lejn in-Nadur. Il-Pulizija rnexxielhom iwaqqfu l-vettura fejn il-kazin tal-banda tan-Nadur u minn tfittxija li saret, instab qartas bi trab abjad suspettat kokajina.

Waslet ukoll vettura Toyota ta' lewn ahmar bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS. Minnha hareg guvnott, dahal fl-istabbiliment u hareg wara ftit minuti. Dan imbaghad twaqqaf minn PS 676 u PC 1427. Irrizulta li kien jismu OMISSIS u minn tfittxija fuqu u fil-vettura tieghu gie elevat qartas iehor bi trab abjad suspetta kokajina.

Sakemm iz-zewg units l-ohra tal-Pulizija kienu qeghdin jeskortaw iz-zewg vetturi li kienu nstabu d-droga fuqhom, ix-xhud innota vettura bin-numru tar-registrazjoni OMISSIS li kienet misjuqa minn OMISSIS. Bugeja harget fejnu fil-vettura u mit-tieqa newlitlu xi haga. Dan saq minn fuq il-post u daqs nofs siegha wara rega' mar

fil-hanut. Din id-darba OMISSIS hareg mill-vettura, fetah il-bieba tal-hanut, ghajjat lill-imputata u rega' hareg. L-imputata harget u din id-darba mit-tieqa tal-passiggier ghaddietlu xi haga ohra. OMISSIS ghaddielha xi flus.

Ghall-habta ta' nofs il-lejl (00.00hrs) jew in-nofs siegha (00.30hrs), ix-xhud innota li n-nies gewwa l-istabbiliment hargu kollha f'daqqa. Ix-xhud ta struzzjonijiet biex il-unit ta' Pulizija li kien hemm joqoghdu stand by biex hekk kif l-imputata taghlaq il-hanut, l-imputata tigi mwaqqfa. Bugeja saqet fid-direzzjoni tal-Knisja, giet imwaqqfa u saret tfittxija fuq il-persuna taghha li rrizultat fin-negattiv. Saret ukoll tfittxija fil-vettura.

Imbaghad saret tfittxija gol-Jumbo Snack bar. X'hin ix-xhud fittex fil-kcina sab kaxxa zghira tal-hadid li kien fiha pakkett tas-sigaretti Rothmans Blue b'sitt boroz zghar simili ghal dawk li kienu nstabu qabel u li kien fihom trab abjad suspettat kokajina. Gie elevat ukoll decoder tas-CCTV camera tal-istabbiliment. Gew elevati wkoll numru ta' boroz tal-plastik godda. Fuq il-flushing tat-toilet instabu wkoll tracci ta' trab abjad suspettat kokajina li gie elevat ukoll.

L-Ispettur Bernard Charles Spiteri gie nfurmat bil-kaz. Max Xuereb mar fuq il-post u iffotografa l-oggetti kollha li kienu gew elevati. Waqt tfittixija li saret fil-kantina tal-istabbiliment, PS 676 innota li l-meter tad-dawl kellu kalamita mwahhla mieghu.

Ix-xhud ikkonferma li kien prezenti ghall-istqarrija. Huwa spjega li l-imputata ikkooperat mal-pulizija u hija ammettiet u qalet l-istorja kollha.

**<u>PS 552 Matthew Grech</u>** (Fol. 35 et seq) xehed li fil-jiem ta' qabel it-tnax (12) ta' Lulju 2013 is-CID t'Għawdex kienet dahlitilha informazzjoni kunfidenzjali illi mill-istabbiliment bl-isem Jumbo Snack Bar li jinsab Triq Għajnsielem, Għajnsielem, kienet qiegħda tinbiegħ id-droga, x'aktarx mill-propjetarju stess. Huwa spjega kif il-Pulizija bdew bis-sorveljanza tagħhom fit-tnax (12) ta' Lulju 2013 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20.00hrs). Ix-xhud iddeċieda li jpoġġi lil PC 138 Joseph Portelli bħala osservatur filwaqt li x-xhud u PC 102 Anthony Portelli baqghu fl-akkwati fil-karozza tagħhom lesti biex iwaqqfu xi nies.

Kompla jghid li dakinhar stess għal ħabta tal-għaxra neqsin għaxra (21.45hrs) ġiet vettura OMISSIS misjuqa minn OMISSIS illi pparkjat faċċata tal-istabbiliment. OMISSIS gie osservat ħiereġ mill-karozza u daħal fl-istabbilment. Ix-xhud qal li hu kien jaf li OMISSIS kien user tal-kokajina. Wara ftit tal-minuti PC 138 infurmah li kien ħareġ mill-istabbiliment, daħal lura fil-vettura u saq. Ix-xhud flimkien ma' PC 102 segwewh, waqqfuh fi Triq it-Tiġrija, ir-Rabat, Għawdex u saritlu tfittxija fil-vettura u fuq il-persuna tiegħu. Fil-wallet mal-muniti ż-żgħar il-Pulizija sabet żewġ boroż kokajina. OMISSIS gie arrestat u nghata d-debita twissija. Id-droga giet sigillata fil-preżenza tiegħu u nżamm il-lock up.

Ix-xhud rega' nizel fuq il-post u gie mgharraf minn PC 138 illi x'aktarx sa x'ħin hu kien qieghed ir-Rabat, kien hemm persuna oħra illi waqfet bil-karozza tagħha u illi din setgħet xtrat id-droga wkoll. Mill-investigazzjonijiet ta' wara rriżulta illi fil-fatt regghet kienet inxtrat id-droga. Il-vettura kienet OMISSIS misjuqa minn OMISSIS, magħruf bħala OMISSIS, mill-Qala, Għawdex. Ix-xhud kompla jghid li dakinhar stess, jiġifieri t-tnax (12) ta' Lulju, ġiet vettura oħra għall-ħabta ta' nofs il-lejl (00.00hrs) bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS, misjuqa minn OMISSIS. PC 138 ra lill-imputata ħierġa mill-istabbiliment b'xi ħaġa f'idha u tgħaddi xi ħaġa lis-sewwieq tal-karozza. Is-sorveljanza kompliet l-ghada u gew involuti wkoll zewg Pulizija ohra PS 676 Spiteri Edelon u PC 1427 Oliver Micallef.

Ix-xhud kompla jghid li l-ghada tlettax (13) ta' Lulju 2013 ghall-habta tal-ħdax nieqes għaxra ta' filghaxija (22.50hrs) waqfet qrib l-istabbiliment Jumbo Bar vettura bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS. Din kienet misjuqa minn OMISSIS. Mieghu kien hemm bhala passiġġier OMISSIS. OMISSIS nizel mill-vettura filwaqt li OMISSIS qaghad jistenna fil-karozza. Wara ftit il-passiggier rikeb u telqu. Ix-xhud spjega li huma segwewhom. Ix-xufier induna li kien qieghed jigi segwit u beda jsuq b'velocita' eccessiva. Però l-Pulizija rnexxielhom ilahhqu maghhom u waqqfuhom fejn il-kazin tal-Banda tan-Nadur. Minn tfittxija li saret instabet borża kokajina taħt is-seat tal-passiġġier. Irriżulta wkoll illi sa xħin ix-xhud u l-Pulizija l-iehor kienu n-Nadur, is-Surġent Edelon u l-kollega tiegħu 1427 Oliver, waqqfu vettura oħra.

PS Matthew Grech xehed ukoll li rriżulta illi kienet twaqqfet il-vettura OMISSIS misjuqa minn OMISSIS. Dan ukoll kellu d-droga kokajina fil-pussess tiegħu. Dakinhar tat-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) giet innutata wkoll vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS misjuqa minn OMISSIS, minn Għajnsielem, Għawdex. Dan mar darbtejn, waqaf u telaq. Mill-investigazzjoni rrizulta wkoll li OMISSIS kien xtara l-kokajina.

Fl-erbatax (14) ta' Lulju fis-siegħa u nofs ta' filgħodu (01.30hrs) Sue Bugeja – li s-Surgent gharaf bhala l-imputata prezenti fl-awla – kienet qed tagħlaq il-ħanut. F'dan il-hin sar raid fl-istabbiliment taghha u fil-kcina ġo pakkett tas-sigaretti Rothmans blue il-Pulizija sabet sitt (6) boroż kokajina. Ix-xhud sostna wkoll li minn investigazzjonijiet li kienu saru l-ghada, kien gie identifikat ukoll ċertu OMISSIS, minn Għajnsielem, Għawdex, illi kien ukoll ġieli xtara l-kokajina mill-istess bar. Ix-xhud ikkonferma wkoll l-okkorrenza li giet redatta minnu esebita bhala Dokument SB 2 (Fol. 10 et seq.).

__PC 102 Anthony Portelli__ (Fol. 39 et seq) xehed li nhar il-Gimgha, tnax (12) ta' Lulju 2013 għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18.00hrs) il-Pulizija kellha informazzjoni li kien qed issir xi traffikar ta' droga minn ġewwa stabbiliment Jumbo, Għajnsielem. Ix-xhud flimkien ma' PS 552 Matthew Grech u PC 138 Joseph Portelli marru fil-vicinanzi tal-post u bdiet issir osservazzjoni. Għall-ħabta tal-għaxra neqsin għoxrin (21.40hrs) PC 138 osserva vettura bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS Lexus silver li waqfet fil-viċinanza ta' dan il-

ħanut. Ix-xufier li gie identifikat bhala OMISSIS niżel u daħal ġewwa l-ħanut. Wara xi għaxar (10) minuti dan ħareġ u x-xhud flimkien ma' PS 552 segwewh. Huma waqqfuh fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex u minn tfittxija li saret fuq il-persuna ta' OMISSIS stess instab li kellu zewg (2) boroż żgħar bi trab abjad suspettati kokajina. Dan ingħata d-debita twissija u hu ammetta li dawn kienu għall-użu personali tiegħu.

Ix-xhud rega' nizel Ghajnsielem u hu gie nfurmat minn PC 138 li kienet marret Toyota Vitz fuq il-post. Ix-xhud flimkien mas-Surgent segwew din il-vettura li giet imwaqqfa kważi fejn it-triq li tagħti ghal Mġarr ix-Xini, ix-Xewkija. Saret tfittxija iżda din kienet fin-negattiv. Aktar tard ghall-habta ta' nofs il-lejl hu gie nfurmat li vettura tal-marka Volkswagen ta' lewn blu bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS kienet waqfet quddiem il-bar. Ghalkemm segwew lil din il-vettura, huma tilfuha.

Kompla jghid li l-osservazzjoni kompliet l-għada ċioe' t-tlettax (13) ta' Lulju 2013. Spjega li maghhom inghaqdu PS 676 u PC 1427. F'hin minnhom waqfet vettura bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS li fiha kien hemm xufier u passiggier. Il-passiggier niżel mill-vettura u dahal fil-bar. Hekk kif hareg, huma saqu ghal warajh. Dan induna bil-Pulizija u beda jsuq b'velocita'. Il-Pulizija pero' rnexxielhom iwaqqfuh fejn il-każin tal-banda tan-Nadur. Mit-tfittxija li saret irrizulta li fuq it-tapit ta' wara l-passiġġier instabet kantuniera oħra ta' borza oħra bi trab abjad suspettata kokajina. Il-passiġġier wara li nghata t-twissija ammetta illi dik kienet tiegħu u

għall-użu personali tiegħu. Il-passiġġier kien jismu OMISSIS filwaqt li x-xufier gie identifikat bhala OMISSIS.

Ix-xhud zied jgħid illi vettura oħra li marret fuq il-post kienet bin-numru OMISSIS. Din il-vettura marret darbtejn fuq il-post. It-tieni darba li ġiet fuq il-post ix-xufier saq u waqaf fil-pjazza ta' Għajnsielem.

Għall-ħabta tas-siegħa u nofs (01.30hrs), l-imputata Susan Bugeja li x-xhud gharaf fl-awla, ħarġet mill-ħanut u għalqet l-istabbiliment. Hija giet imwaqqfa barra l-post u tkompliet it-tfittxija ġewwa l-post minn PC 138, PS 552, PS 676, PS 820 u WPC 151. Ix-xhud kompla li hu baqa' barra u ma dahalx ġewwa l-post.

**<u>WPC 14 Rose Anne Tabone</u>** (Fol. 57) xehdet li hija kienet prezenti meta l-imputata Susan Bugeja – li hija gharfet fl-awla – tat statement quddiem l-Ispettur Bernard Charles Spiteri. Ix-xhud gharfet il-firma taghha stess kif ukoll il-firma li Bugeja ghamlet quddiemha fuq l-istess statement.

**<u>PC 1427 Oliver Micallef</u>** (Fol. 58 et seq) xehed li fit-13 ta' Lulju 2013 hu gie nfurmat minn PS 552, PC 138 u PC 102 illi kienet qed issir sorveljanza fuq il-ħanut Jumbo's Snack Bar ġewwa Għajnsielem, Għawdex. Hu flimkien ma' PS 676 għall-ħabta tas-sitta ta' filghaxija (18.00hrs) mar viċin l-istabbiliment imsemmi u għall-ħabta tal-ħdax neqsin għaxra (22.50hrs) ġie nfurmat li vettura bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS waqfet quddiem dan il-ħanut. Il-passiġġier

kien niżel mill-vettura u wara ftit reġa' tela' fil-karozza. PS 552 flimkien ma' PC 102 bdew isegwu din il-karozza fejn f'ħin minnhom talbu l-assistenza tieghu ghaliex din bdiet issuq b'veloċità eċċessiva lejn in-Nadur. Hu segwihom ukoll u waqqfu din il-vettura fejn il-każin tal-banda tan-Nadur. Hemmhekk saret tfittxija fuq dawn iż-żewġ persuni li kienu OMISSIS u OMISSIS kif ukoll fuq il-vettura. Fil-vettura fuq in-naħa tax-xellug cioe' tal-passiġġier, fuq wara, fuq it-tapit, instabet borza bi trab abjad ġo fiha suspettata li kienet kokajina. Dawn gew arrestati.

Għall-ħabta tal-ħdax u ħamsa (23.05hrs) hu gie nfurmat ukoll li vettura oħra bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS kienet waqfet viċin dan l-istabbilment. Ix-xufier kien ħareg u daħal ġol-istabbiliment Jumbo Snack Bar. Hu u PS 676 resqu fejn kienet ipparkjata din il-karozza. Wara ftit ix-xufier ħareġ minn ġol-istabbiliment, daħal ġol-karozza u saq lejn ix-Xewkija. Hu u s-Surgent saqu warajh u waqqfuh ix-Xewkija. Ix-xufier kien OMISSIS. Fuqu ma nstab xejn però fil-vettura tiegħu nstabet borża li fiha kien hemm trab abjad suspettat li hu kokajina. Dan gie arrestat.

Kompla jgħid li huma rritornaw lura qrib l-istabbiliment u ghall-ħabta tas-siegha u nofs ta' filghodu (01.30hrs) l-imputata Susan Bugeja (li x-xhud gharaf fl-awla) għalqet l-istabbilment tagħha, daħlet fil-vettura u bdiet issuq. Iz-zewg units tal-Pulizija marru fuqha, waqqfuha u saret tfittxija fuq il-persuna taghha u fil-vettura. Instabu tmien mitt ewro (€ 800) fi flus. Saret ukoll tfittxija fl-

istabbiliment minn PS 676, PS 552 u WPC 151. Ix-xhud pero' ma dahalx.

**PS 676 Edelon Spiteri** (Fol. 60 et seq) xehed li nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2013 hu flimkien mal-kollega tiegħu PC 1427 marru jassistu lill-iskwadra tas-Surġent 552 fuq operazzjoni li kienu qegħdin jagħmlu f'Għajnsielem, Għawdex. Għall-ħabta tal-ħdax neqsin għaxra (22.50hrs) huma gew infurmati li kienet waqfet vettura bin-numru tar-registrazzjoni OMISSIS fil-viċinanzi tal-istabbilment Jumbo Snack Bar ta' Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex. Il-passiġġier kien ġie osservat jinżel minn ġol-vettura filwaqt li x-xufier baqa' ġo fiha. Il-passiġġier daħal fil-ħanut Jumbo Snack Bar. Wara xi ħin dan ħareġ. L-ewwel li marru warajh kienu s-surġent il-552. Dan imbaghad talab l-assistenza tax-xhud biex tkun tista' titwaqqaf il-vettura. Hu flimkien mal-kollega tiegħu telqu ghal warajhom u sabu li l-vettura OMISSIS kienet qed tinstaq fid-direzzjoni tan-Nadur b'ċertu veloċità. Din il-vettura twaqqfet fejn il-kazin tal-banda tan-Nadur fejn hemmhekk saret tfittxija fuq ix-xufier u fuq il-passiġġier. Ix-xufier tal-vettura kien OMISSIS filwaqt li OMISSIS gie identifikat li kien il-passiġġier.

Kompla jgħid li mit-tfittxija li saret fuq it-tapit ta' wara s-seat tan-naħa tal-passiġġier ġie osservat li kien hemm borża żgħira tal-plastik b'xi trab abjad ġo fiha. Iż-żewġ persuni ġew infurmati li huma kienu qegħdin taħt arrest u ngħataw id-drittijiet tagħhom filwaqt li ġew skortati lejn l-Għassa tar-Rabat.

Kif is-Surgent PS 676 kien ghadu n-Nadur, kien gie nfurmat li kienet reġgħet marret vettura oħra ħdejn l-istabbiliment Jumbo Snack Bar. Il-vettura li indikawlu kellha n-numru tar-registrazzjoni OMISSIS u x-xufier kien daħal ukoll fil-ħanut imsemmi. Hu rega' mar qrib l-istabbiliment u pparkja fejn seta' jara l-vettura li kienu nfurmawh biha. Hekk kif telqet, hu saq għal warajha. Din il-vettura hu kien qiegħed jaraha l-hin kollu. Din twaqqfet ix-Xewkija. Hu mar fuq ix-xufier li gie identifikat bhala OMISSIS. Gie infurmat li kienet sejra issir tfittxija fuqu peress li kien hemm suspett li seta' kellu xi sustanzi illegali fil-pussess tiegħu. Hu ma oġġezzjonax. Fuq il-persuna tiegħu ma nstab xejn izda meta x-xhud fittex fil-vettura, fil-bieba tan-naħa tax-xufier ix-xhud sab borża żgħira bi trab abjad. OMISSIS gie arrestat u mogħti d-drittijiet tieghu.

Is-Surgent rega' mar fuq il-post u kompla bl-osservazzjoni. Aktar tard x'ħin is-sid tal-hanut Susan Bugeja (li x-xhud għaraf bhala l-imputata fl-awla) kienet qegħda tagħlaq il-ħanut, din giet avvicinata peress li kienet sejra tirkeb il-karozza u kienet sejra ssuq. Giet infurmata li kienet qegħda tigi arrestata. Saret tfittxija fil-vettura fejn fil-handbag tagħha nstabet is-somma ta' iktar minn tmien mitt ewro (€ 800). Saret ukoll tfittxija fil-ħanut tagħha wara li ġiet pulizija mara u gol-ħanut instabu aktar boroż b'sustanza bajda ġo fihom.

OMISSIS (Fol. 62 et seq.) xehed li f'Lulju 2013 huwa kien wassal lil sieħbu OMISSIS f'Għajnsielem ghaliex dan ried ikellem lil xi hadd. Spjega li hu kien wassal lil siehbu biex imur il-Jumbo Snack Bar,

Ghajnsielem. Ix-xhud qagħad jistenna fil-vettura li kellha n-numru OMISSIS sakemm sieħbu dahal fil-bar. X'ħin ħareg ra pakkett f'id siehbu. Minn hemm huwa saq lejn in-Nadur u l-Pulizija waqqfuhom fejn il-kazin tal-Banda tan-Nadur. Spjega li OMISSIS kien tefa' l-pakkett li kien gab fuq wara tas-seat. Dan instab mill-Pulizija u OMISSIS ammetta li kienet tieghu. Il-pakkett kien fih trab abjad u ma kienx akbar minn difer. Ix-xhud għaraf lill-imputata Susan Bugeja bhala l-persuna li kienet wara l-bar.

**<u>WPC 151 Carmen Parnis</u>** (Fol. 146 et seq.) xehdet li fl-erbatax (14) ta' Lulju 2013 kienet giet imsejħa minn tas-CID biex tagħmel tfittxija fuq il-persuna ta' Susan Bugeja, li x-xhud għarfet prezenti fl-awla. Ix-xhud kompliet tghid li t-tfittxija li saret fuq il-persuna tagħha irrizultat fin-negattiv. Imbagħad saret tfittxija fil-Jumbo Bar f' Għajnsielem fejn go kaxxa tal-ħadid instab pakkett tar-Rothmans blue li go fih kien hemm sitt pakketti bi trab abjad li kienu gol-plastik. Minn hemm imbagħad l-imputata ttieħdet l-Għassa tar-Rabat, Għawdex.

**<u>Carmela Grima</u>** (Fol. 148 et seq.) xehdet li hija kienet kriet il-ħanut Jumbo Bar li jinsab fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem lil Susan Bugeja. Ix-xhud għarfet lill-imputata fl-awla. Il-kirja kienet saret għall-perijodu ta' tlett (3) snin li bdew għaddejjin minn Dicembru 2011. Il-kirja mbagħad twaqqfet f'Settembru 2013.

**<u>Catherine Pace</u>** (Fol. 154 et seq.) xehdet li hija tieħu ħsieb skola tal-Ingliz f'Għajnsielem, Għawdex li tinsab f'numri 52 u 54, Triq

Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex. Mistoqsija jekk tafx lil Susan Bugeja, ix-xhud indikat lill-imputata prezenti fl-awla. Qalet li hija kienet tafha għaliex tmexxi l-bar li jinsab biswit l-iskola. Ix-xhud spjegat ukoll li l-iskola hija ghall-adulti u mhux ghat-tfal. Qalet li l-iskola tkun miftuħa fis-sajf u l-ħinijiet tal-iskola huma mit-tmienja ta' filgħodu sal-erbgħa ta' wara nofsinhar.

**<u>L-Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>** (Fol. 156 et seq.) beda biex qal li fil-bidu ta' Lulju 2013 kien gie nfurmat mill-pulizija tas-CID illi ġewwa l-ħanut bl-isem ta' Jumbo's Bar li jinsab fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex kien qed isir x'aktarx it-traffikar tad-droga kokajina. Fid-dawl ta' dan ġie deċiż sabiex fil-lejl ta' bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) jibdew isiru l-osservazzjonijiet fuq dan l-imsemmi ħanut. Din bdiet issir mill-pulizija tas-CID u ċioe' s-surġent 552 Matthew Grech, PC 138 Joseph Portelli u PC 102 Anthony Portelli. Dakinhar tat-tnax (12) ta' Lulju f'ħin minnhom kien ġie osservat ragel li daħal ġewwa il-Jumbo's Bar, Għajnsielem, u wara ftit deher ħiereġ minn hemmhekk. Dan il-persuna kien ċertu OMISSIS. Dan gie segwit mill-Pulizija, twaqqaf u fuq il-persuna tieghu nstabu żewġ boroż żgħar mimlija bi trab abjad suspettata li hija kokajina. Hu gie arrestat. Meta gie interrogat OMISSIS ma kienx ammetta illi kien xtara d-droga mingħand l-imputata Susan Bugeja. Qal li kien xtraha iżda ma kienx qal mingħand min.

L-għada s-Sibt, tlettax (13) ta' Lulju 2013 il-pulizija kompliet għaddejja bl-osservazzjonijiet. Għal ħabta tal-ħdax nieqes għaxra

ta' filgħaxija (~ 22.50hrs) ġiet osservata vettura bin-numru OMISSIS li waqfet ukoll fil-viċinanzi ta' Jumbo's Bar. Il-passiġġier niżel mill-vettura filwaqt li x-xufier baqa' fil-karozza. Wara ftit tal-ħin deher reġa' ħiereġ mill-ħanut, daħal fil-karozza u dawn telqu bil-karozza minn fuq il-post. Il-pulizija segwiethom u wara ġew imwaqqfin fi Triq Diċembru tlettax fin-Nadur. Meta saret tfittxija fuq it-tapit ta' wara tan-naħa tax-xellug tal-karozza kienet instabet borża zgħira mimlija bi trab abjad suspettat kokajina. Iż-żewġ persuni kienu mniżżla l-Għassa u meħudin il-lockup. Dawn il-persuni kienu OMISSIS li kien ix-xufier u OMISSIS li kien il-passiġġier.

Ix-xhud kompla jgħid li meta dawn kienu ġew mitkellma OMISSIS li kien il-passiġġier ammetta li xtara d-droga kokajina mill-Jumbo's Bar. OMISSIS kien qal ukoll illi kien jaf illi OMISSIS kien mar jixtri d-droga kokajina mill-Jumbo's Bar. OMISSIS kien għażel ukoll li jiġġuramenta din l-istqarrija li kien ta lill-pulizija quddiem il-Maġistrat tal-għassa.

Il-pulizija dakinhar stess komplew għaddejjin bl-osservazzjoni u għall-ħabta tal-ħdax u ħamsa ta' filghaxija (23.05hrs) ġiet innutata vettura oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni OMISSIS. Ix-xufier ta' din il-vettura wkoll daħal fl-istabbiliment Jumbo's Bar u wara ftit reġa' ħareġ u daħal fil-vettura tiegħu. Din il-vettura wkoll ġiet segwita mill-pulizija u dan kien twaqqaf fix-Xewkija. Dan gie identifikat bħala OMISSIS. Hu kien meħud il-lockup u ġie interrogat wara li ngħata d-drittijiet legali tiegħu. Hu kien ammetta wkoll li kien

xtara pakkett bid-droga kokajina mingħand Susan Bugeja. Dan il-pakkett kien instab ukoll fil-pussess tiegħu aktar qabel.

L-Ispettur spjega wkoll li dakinhar stess il-pulizija kienet innutat lil ċertu OMISSIS minn Għajnsielem li kien mar darbtejn il-Jumbo Bar. Fid-darbtejn gie innutat lil Susan Bugeja toħrog minn ġol-ħanut u tgħaddi xi oġġetti lil dan OMISSIS. Kien gie innutat ukoll li hi kienet qed tgħaddilu xi flus lura. OMISSIS kien gie arrestat u wara li nghata d-drittijiet legali tieghu huwa ammetta li fid-darbtejn kien xtara d-droga kokajina mingħand l-imputata.

Meta mbagħad dakinhar tal-erbatax (14) ta' Lulju 2013 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02.30hrs) l-imputata kienet qegħda tagħlaq il-hanut, hija ġiet imwaqqfa mill-pulizija. Saret tfittxija fil-vettura tagħha u anke wkoll fil-ħanut fejn fil-kċina nstabu sitt (6) boroż b'sustanza bajda suspettata li kokajina. Dawn kienu qegħdin ġo pakkett tas-sigaretti tar-Rothmans Blue. L-Ispettur għaraf ukoll lil Susan Bugeja prezenti fl-awla.

Ix-xhud kompla jistqarr li nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) l-imputata kienet irrilaxxat zewg stqarrijiet wara li kkonsultat ma' Dottor Kathleen Grima. Fl-ewwel stqarrija Susan Bugeja kienet ammettiet li kienet qegħda tittraffika d-droga u kienet ukoll semmiet il-persuni illi f'dak il-weekend ta' bejn il-Ġimgħa u s-Sibt kienet għadditilhom id-droga. In-nies li kienu xtraw id-droga kollha taw stqarrija guramentata li kienu xtraw id-droga mingħand l-imputata. Fit-tieni stqarrija l-imputata kompliet iżżid kemm

kienet qegħda tinbiegħ id-droga u kemm kienet tixtri dawn il-pakketti tad-droga kokaina. L-imputata ffirmat iz-zewg stqarrijiet. Kompla jgħid ukoll li meta kienet giet mistoqsija minn fejn kienet qegħda tixtri d-droga, hija kienet qalet li kienet qed tixtriha minn Malta iżda ma kinitx indikat l-isem tal-persuna mingħand min kienet qed tixtriha.

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' April 2014 l-Ispettur Spiteri kkonferma r-rapport tal-inkjesta li kien sar minnu fl-erbatax (14) ta' Lulju 2013, liema rapport kien sar lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Josette Demicoli (Fol. 183).

**<u>In kontro-ezami</u>** li sarlu fl-ghaxra (10) ta' Novembru 2016 (Fol. 432) l-Ispettur xehed li l-ewwel li ma kienu arrestati kienu l-maggor parti tan-nies li telgħu jixhdu li xtraw id-droga minghand Susan Bugeja u Bugeja giet arrestata wara. In-nies kollha gew arrestati fl-istess lejl, ħlief ghall-persuna waħda li kienet giet arrestata l-lejl ta' qabel. L-Ispettur spjega li dawn ix-xhieda inzammu fil-lock up. Kollha rrilaxxaw stqarrijiet u ma sarx kuntatt bejniethom. L-istqarrijiet kollha gew guramentati qabel ma ittieħdu l-istqarrijiet ta' Bugeja. Ix-xhud ikkonferma li l-imputata kienet l-ewwel li tressqet il-Qorti u mbagħad ittiehdu passi fil-konfront tal-persuni l-oħra. Pero' l-Ispettur għamilha cara li meta l-imputata kienet tressqet il-Qorti, l-istqarrijiet gia kienu kollha guramentati.

Mistoqsi x'mizuri ħa biex jara jekk fil-mument li gew rilaxxati l-istqarrijiet minn Bugeja, hija kinitx taħt l-influwenza tad-droga,

xorb jew xort'ohra, l-Ispettur wiegeb li l-imputata kienet tidher normali x'ħin kellimha u la hu u lanqas il-Pulizija li kienu miegħu ma kellhom xi dubju li ma kinitx f'sensieha. Mill-investigazzjoni wkoll li għamlet il-Pulizija ma rrizultax li hija kienet qed tieħu d-droga izda li hija kienet qegħda tbiegħ id-droga. Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-Ispettur indika wkoll li l-Avukat tal-fiducja tal-imputata li magħha l-imputata kkonsultat qatt ma gibdet l-attenzjoni tal-Pulizija biex tittieħed l-Isptar jew li inkella kellha xi problemi partikolari. Mistoqsi x'informazzjoni kien ghadda l-Ispettur lill-Avukata tal-imputata fl-istadju ta' qabel ma ttieħdet l-istqarrija, l-Ispettur wiegeb li l-Avukata tal-imputata kienet kellmitu. Normalment l-Avukati jsaqsuh fuq xiex u huwa bhala Spettur jgħidilhom fuq xiex il-klijenti taghhom ikunu qegħdin jinzammu. Spjega li kien obbligat li jgħidilhom u x'informazzjoni jkollhom il-Pulizija. Mistoqsi jekk din it-talba ghall-informazzjoni kinitx saret, l-Ispettur qal li huwa ried jiccekkja l-police file.

OMISSIS (Fol. 164 et seq.) xehed li huwa kien gie mwaqqaf fix-Xewkija, Għawdex mill-Pulizija u wara tfittxija li kienet saritlu fil-vettura tieghu kienet instabet borza bil-kokajina. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien xtara l-kokajina minghand Susan Bugeja, li x-xhud għaraf bhala l-imputata prezenti fl-awla. Sostna li huwa kien gab droga mingħandha bejn erba' (4) u hames (5) darbiet. Hu kien kemm joħrog il-flus, jitfaghhom f'idu, jagħmilhom taħt il-bank u Bugeja wara li teħodlu l-flus kienet iggiblu borza bid-droga. Qal ukoll li gieli xtara d-droga mingħand ir-ragel tagħha Mario Bugeja.

Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija li huwa kien ta lill-Pulizija u li anke kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrati Inkwirenti.

OMISSIS **(Fol. 167 et seq.)** xehed li huwa kien gie arrestat fit-tlettax (13) ta' Lulju 2013 dwar pakkett droga li huwa kien gab mingħand il-Jumbo Bar f'Ghajnsielem. Spjega li huwa kien xtara d-droga mingħand l-imputata Susan Bugeja li huwa għaraf fl-awla. Qal li kien xtara mingħandha xi erba' darbiet. Hu kien jaghtiha l-flus u hi taghtih id-droga. Hi kienet tkun mal-bar, hu kien jgħaddilha ħamsin ewro u hi tagħti d-droga. Qal li meta kienu arrestawh il-Pulizija ma kienx ilu aktar minn kwarta li xtraha. Kompla jgħid li l-Pulizija waqqfuh in-Nadur u d-droga li kien xtara kienet kokajina. OMISSIS qal ukoll li miegħu kien hemm sieħbu OMISSIS li kien qiegħed isuq. Qal ukoll li x'hin waqqfuh il-Pulizija, OMISSIS kien għadu jsuq. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kien irrilaxxa stqarrija li kkonferma wkoll bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

**<u>In kontro-ezami</u>**, OMISSIS gie mistoqsi jekk lil OMISSIS kienx jafu. Ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Huwa gie mistoqsi għalfejn hu u OMISSIS kienu qegħdin jitkellmu ma' xulxin barra mill-Awla u x-xhud wiegeb li kien ikkummenta kemm kienu sejrin idumu jistennew biex jgħajtulhom. Mistoqsi jekk kienx iltaqa' ma' OMISSIS qabel, ix-xhud wiegeb li qatt qabel ma kien iltaqa' miegħu. Sieħbu OMISSIS kien jaf li kien gie arrestat miegħu izda x-xhud qal li waħdu kien meta ta l-istqarrija. Ix-xhud qal ukoll li hu kien sema' mingħand in-nies waqt li kien dieħel f'disko li l-imputata kienet qegħda tbiegħ id-droga. Ix-xhud kompla jgħid li l-bar kien jaf fejn

qiegħed. Mar fil-bar tagħha u talabha għall-kokajina. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien waħdu u li b'kollox kien xtara xi erba' darbiet. Kien iħallas ħamsin ewro kull darba. Il-flus kien jagħtihomlha f'idha mill-genb. Il-kokanija kienet tagħtihielu go borza tal-plastik zgħira. Jaf li kienet kokajina għax għamlitlu effett. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien talabha l-kokajina mingħajr ħafna diskors biex ma jkunx hemm ħafna widnejn, kien jagħtiha l-flus u Bugeja kienet tagħtih il-qartas.

OMISSIS (Fol. 184 et seq.) xehed li l-Pulizija kienet arrestatu minħabba droga. Qal li hu kien xtara d-droga kokajina mingħand il-Jumbo's Bar f'Ghajnsielem. Ix-xhud indika li huwa kien xtara minghand l-imputata li huwa gharaf fl-Awla. Kienet l-ewwel darba li huwa xtara d-droga mingħandha. Spjega li hu kien waqaf barra l-bar, harget hi, tagħthielu u huwa ħallasha l-ammont ta' hamsin ewro (€ 50). Ix-xhud ikkonferma li huwa kien xtara darbtejn mingħandha fl-istess gurnata mill-istess post. Ix-xhud qal li t-tieni pakkett ma kienx għamel uzu minnu izda ramieh fit-toilet. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kien ta stqarrija lill-Pulizija, liema stqarrija kien anke kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

OMISSIS (Fol. 189 et seq.) xehed li lill-imputata kien jafha fil-Jumbo's Bar. Mistoqsi għalfejn kien imur f'dan il-bar, ix-xhud wiegeb li hu kien imur biex jiehu drink u xtara wkoll pakkett kokajina minghandha. B'kollox xtara xi darbtejn jew tlieta. Ix-xhud spjega li kien cemplilha u hi kienet hargitlu pakkett li ghalih kien

hallas xi hamsin ewro (€ 50). Ix-xhud ikkonferma li kien irrilaxxa stqarrija u li ikkonferma l-istess stqarrija bil-gurament.

**Max Xuereb** (Fol. 222) ipprezenta faxxikolu konsistenti f'disgha u tletin (39) ritratt li huwa ha fil-Jumbo Snack Bar, fi Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem. Dawn ir-ritratti ttiehdu fil-kcina, fil-bar u anke fil-garaxx.

**Alvin Scicluna** **(Fol. 248 et seq.)** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc xehed li l-imputata kellha tlett business loan accounts. Ix-xhud pero' ma kellux informazzjoni dwar meta kienu nfethu dawn il-loan accounts.

**WPC 305 Stephanie Muscat** **(Fol. 285)** ikkonfermat li hija kienet prezenti meta ttiehed it-tieni statement tal-imputata Susan Bugeja. Ix-xhud gharfet lill-imputata fl-Awla kif ukoll il-firma tal-imputata u taghha stess fuq l-istqarrija.

OMISSIS **(**Fol. 294 et seq.) xehed li l-Pulizija kienu nnuttawh diehel fil-Jumbo Bar li jinsab Ghajnsielem, Ghawdex. Qal li ried jixtri pakkett sigaretti u kif kien hemm lis-sid talabha pakkett kokajina. Ix-xhud indika lill-imputata fl-awla bhala sid il-hanut. Huwa hallas hamsin ewro ghall-kokajina. Ix-xhud ma kienx jaf x'jisimha t-triq fejn jinsab il-bar. Specifika pero' li dan il-bar jinsab fejn is-showroom ta' Mizzi. Qal ukoll li b'kollox kien xtara d-droga darbtejn. Kompla jghid li huwa kien mar ghand l-imputata, kien

isaqsieha ghandhiex u hi kienet iggibblu l-pakketti tal-kokajina. Sostna wkoll li lilu l-Pulizija ma kinux qabduh.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud kjarifika li l-Pulizija kienu baghtu ghalih biex imur l-Ghassa. Hu ma kienx ra lill-Pulizija. Sempliciment l-ghada jew jumejn wara baghtu ghalih biex imur l-Ghassa u huwa kien mar. Ikkonferma li l-Pulizija ma kinux waqfuh meta hareg mill-hanut.

OMISSIS (Fol. 298 et seq.) xehed li huwa kien imur gol-Jumbo bar li jinsab fi Triq l-Imgarr. Huwa kien imur jiehu drink u waqa' fit-tentazzjoni u xtara l-kokajina minghand l-imputata li x-xhud gharaf fl-Awla. Qal li tul l-2013 kien xtara d-droga minghanda diversi drabi. Huwa kien ihallas hamsin ewro (€ 50). Kien jghidilha jekk kellhiex xi wahda u hi kienet taghtih. Ikkonferma wkoll li huwa dejjem l-istess prezz hallas.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud spjega li l-Pulizija kienu cemplulu biex imur l-Ghassa. Hu kien mar u l-Ispettur kien staqsieh minn fejn kien qieghed jixtri d-droga u minghand min. Ix-xhud kien indikalu li kien qieghed jixtri minghand l-imputata u anke gharafha fuq ritratt li kien urieh l-Ispettur. Ix-xhud ikkonferma li l-Ispettur urieh biss ir-ritratt tal-imputata. Temm jghid li l-Pulizija kienu waslu ghalih ghax rawh fuq il-camera.

OMISSIS **(Fol. 313 et seq.)** xehed li l-Pulizija kienu qabduh bil-kokajina ghall-habta tal-festa ta' San Gorg tas-sena 2013. Spjega li

huwa kien gej minn bar f'Ghajnsielem u l-Pulizija kienu waqfuh ir-Rabat. Il-bar ma kienx jaf x'jismu imma qal li kienet toperah l-imputata Susan Bugeja li x-xhud indika fl-awla. Spjega li huwa kien xtara l-kokajina mill-hanut taghha. Kien xtara zewg boroz zghar bil-prezz ta' hamsin ewro (€ 50) 'l wahda. Qabel dik l-okkazzjoni kien xtara darbtejn ohra. F'dawn l-okkazzjonijiet l-imputata kienet ghaddietlu d-droga.

**L-Ispizjar Godwin Sammut** (Fol. 316 et seq.) xehed li minn estratti li huwa ha mid-dokument 038 15 01 instabet id-droga kokajina. Il-piz totali tat-trab kien ta' tnejn punt sebgha sitta grammi (2.76gr) u l-purita' kienet ta' tmintax fil-mija (18%). Is-sustanza kokajina nstabet ukoll fuq xi lifters. Ghar-rigward borza vojta li kien hemm, ma nstabet l-ebda droga fiha. Ix-xhud ikkonferma r-rapport minnu prezentat.

**Kurt Mahoney** (Fol. 372)ipprezenta r-rapport tieghu li kien jikkoncerna l-mobile phone tal-imputata Susan Bugeja. Ix-xhud ghamel analizi forensika tal-mobile phone u l-informazzjoni kollha li giet estratta giet prezentata f' CD. Il-mobile phone kellu ftit xejn messaggi tal-SMS u kellu mija u hamsin (150) entry fil-Call Logs. Is-Sim Card kellha dsatax -il messagg tal-SMS.

**Il-Perit Angelo Portelli** (Fol 419 et seq.) spjega li huwa kien gie inkarigat mill-Qorti sabiex ikejjel id-distanzi ta' centri li jiffrekwentaw it-tfal u z-zghazagh, precizament l-Mcast, ic-centru tal-parrocca/Museum il-klabb tal-football, il-klabb tal-banda u l-

iskola primarja. Ix-xhud spjega li dawn ic-centri kienu kollha qeghdin imbeghin aktar minn mitt (100) metru mill-iskola tal-Ingliz. X'hin wiehed jikkalkula mill-Jumbo Bar id-distanzi ftit li xejn kienu sejrin jinbidlu u kollha kienu sejrin jibqghu 'l barra mil-limiti ta' mitt metru. Ix-xhud kompla jghid li bejn il-Jumbo Bar u l-Iskola tal-Ingliz kien hemm bejn ghoxrin (20) u tletin (30) metru.

**<u>Dottor Joseph Spiteri</u>** (Fol. 448 et seq.) xehed li huwa kien iltaqa' mal-imputata Susan Bugeja f'Mejju 2013. Hi kienet giet riferuta ghandu ghaliex kienet qeghda tbati minn post traumatic stress disorder. Kienet saret taf habta u sabta li missierha ma kienx missierha. Kien sar kuntatt mal-missier bijologiku taghha proprju izda dan kien innega l-fatt u ma accettahiex bhala bintu. Din il-haga ikkawzatilha hafna stress. Hu kien anke bdielha l-medicini. Kien anke sar jaf li hija kienet anke bdiet tiehu sustanzi illeciti biex thossha ahjar. Minn testijiet li kien ghamlilha, kien anke irrizulta li hija pozittiva ghall-kokajina. Spjega li llum il-gurnata hija omm ta' zaghzugh ta' hmistax -il sena u li kellha hafna guilt feelings ghax giet ittraduta minn dak li suppost kien missierha u ma riditx li jigri l-istess lir-relazzjoni taghha mat-tifel. Iddispjacieha wkoll li kienet qed tiehu sustanzi li mhux suppost kienet qeghda tiehu. Ix-xhud spjega li kienet qed tbati minn dual diagnosis. Bil-medicini li taha, Dr. Spiteri spjega li gew kontrollati kemm il-kundizzjoni tal-Post Traumatic Stress Disorder kif ukoll it-tehid tas-sustanzi illeciti. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jghid jekk l-imputata kinitx a heavy user jew le ghax mit-test tal-urina hu seta' jistabilixxi li kienet qed tiehu d-droga imma mhux kemm kienet qed tiehu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx zamm record ta' meta saru dawn it-testijiet, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Spjega li hu ma kienx gie nfurmat mill-bidu mill-imputata li hija kienet qeghda tiehu l-kokajina. Kienet forsi semmietly l-problema forsi f'Awwissu.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud wiegeb li l-imputata baqghet klijenta regolari tieghu u kienet tmur ghandu darba fix-xahar jew kull xahrejn. Qal ukoll li f'xi zmien kien ghamlilha test iehor u rrizulta li kienet clean. Pero' kkjarifika li l-kokajina iddum timmarka biss ghal xi jumejn.

Mistoqsi mill-Qorti, jekk l-imputata kellhiex addiction, ix-xhud spjega li bil-kokajina ma jkunx hemm addiction bhall-erojina u allura ma jkunx hemm withdrawal symptoms. Wiehed jiehu l-kokajina ghaliex ikun taht stress u biex jahrab mis-sitwazzjoni reali. Il-medicina li kien taha ma kienx tahielha minhabba l-abbuz mid-droga izda minhabba l-post traumatic stress disorder.

**<u>Dr. Mark Xuereb</u> (Fol. 457 et seq.)** xehed bhala espert ex parte. Spjega li fi zmien sena u nofs hu kien ra lill-imputata bejn sittax u ghoxrin darba. Qal li kienet issofri minn Anxious Avoidant Personality Disorder fis-sens li hija kienet tipprova tohrog minn sitwazzjonijiet li kienet tinsab fihom bl-anqas stress possibbli. Hija ma kinitx qeghda tiehu d-droga b'kapricc izda l-uzu tad-droga kien rizultat ta' din il-personality disorder li kellha. Kienet qisha qed tigi

mhedda biex isservi d-droga minghand il-klijent taghha u peress li hija follower u mhux a leader, kienet spiccat f'dan ic-cirku.

__**In kontro-ezami**__ x-xhud ikkonferma li l-imputata kienet tmur ghandu regolari u kien jaraha kemm l-Isptar kif ukoll privat. Mistoqsi kif kien jaf li kienet qed thossha mhedda biex isservihom id-droga, ix-xhud wiegeb li dan id-diskors qalitulu l-imputata stess u l-partner taghha. Apparti minn hekk bijologikament kienet tidher li qed tkun stressjata u dan mir-reazzjonijiet li kienet taghmel il-habba tal-ghajn taghha meta kien jamministra xi testijiet. Ikkonferma li hu ma kienx prezenti ghal xi theddid u li kien qieghed jitkellem abbazi tat-testijiet. Lanqas ma rrizultalu li kienu saru xi rapporti f'dan ir-rigward. Apparti minn hekk l-imputata lanqas ma qaltlu li meta kienet giet interrogata mill-Pulizija hija ma kienet semmiet xejn dwar il-problema tad-droga.

Ix-xhud kompla jghid li l-ahhar li kien ra lill-imputata kien f'Gunju 2017 u kwazi dejjem kienet tigi mar-ragel taghha. It-testijiet tal-urina li ghamel lill-imputata dejjem kienu negattivi. Ix-xhud sostna wkoll li minn dak li qaltlu l-imputata hija riedet tikkoopera mal-Pulizija. Ix-xhud tenna li l-imputata kienet tiehu d-droga mhux b'kapricc jew ghal skop rikreattiv imma minhabba l-personalita' vulnerabbli taghha.

Meta b'riferenza ghar-rapport tieghu, il-Qorti staqsiet lil Dr. Xuereb min kien li refa' jdejh fuq l-imputata ghaliex hija ma kellhiex droga x'taghtih, ix-xhud ma setax jiftakar min kien dan il-persuna.

**Annabelle Bugeja** (Fol. 522 et seq.) ipprezentat Social Inquiry Report b'riferenza ghall-imputata. Hija bdiet biex qalet li l-imputata Susan Bugeja tghix ħajja bieżla. Minkejja li hija kienet ghadha mizzewga, kienet spiccat f'sitwazzjoni fejn hija qeghda trabbi lil binha wehidha u kienet qed tahdem bis-shih biex finanzjarjament tkun tista' tghajjex il-familja taghha. Dan ghaliex zewgha kien spicca taht house arrest fi Sqallija.

Fir-rigward ta' droga ttieħdu żewġ kampjuni tal-awrina li t-tnejn li huma irriżultaw fin-negattiv għall-sustanzi illeċiti ta' kokaina, eroina u kannabis. Ix-xhud kompliet tispjega li l-imputata kienet tabbuża mill-kokaina u damet tabbuza ghall-perjodu ta' sena. Dan wara li hadet ahbar li tirrigwarda l-familja taghha u li kienet devastanti ghaliha. Hija fittxet l-ghajnuna mill-ewwel biex tindirizza l-abbuz u bdiet tattendi ghal sessjonijiet ghand Dr. Mark Xuereb. It-trattament li hadet kien wiehed psikjatriku li rnexxa ghaliex issa l-imputata hija hielsa mill-vizzju tad-droga.

Ix-xhud qalet ukoll li d-diffikultà prinċipali tal-imputata kien l-aspett familjari peress li zewgha kien jinsab arrestat Sqallija u li l-imputata ghandha tibqa tigi segwita.

Is-Social Inquiry Report rega' gie aggornat u dan gie prezentat fis-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru 2018. Fix-xhieda moghtija f'din is-seduta Annabelle Bugeja (Fol. 553a et seq.) spjegat li l-imputata kompliet tahdem zewg impjiegi u irregolarizzat wiehed minnhom.

Zewgha kien ghadu qed jinzamm arrestat fi Sqallija u allura hija kienet qeghda tkompli tipprovdi ghal binha wehidha. Ma rrizultax li rega' kien hemm problema ta' droga u l-fedina penali taghha baqghet wahda netta. Ix-xhud temmet tghid li l-istabbilita' fil-hajja ta' Bugeja hekk kif riskontrata fl-ewwel rapport kienet baqghet hemm.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel l-analizi taghha tal-akkuzi li qeghdin jigu addebitati lill-imputata u dan fid-dawl ta' dak li hareg mill-atti processwali.

- **<u>L-Inamissibilita' tal-Istqarrijiet Moghtija mill-Imputata</u>**

L-ewwel punt li sejjer jigi indirizzat mill-Qorti huwa l-argument imressaq mid-difiza li l-istqarrijiet moghtija mill-imputata huma inammissibbli bhala prova fid-dawl tal-fatt li l-imputata ma kinitx assistita minn Avukat tal-fiducja taghha **<u>waqt l-ghoti tal-istqarrija</u>** u allura dan illeda d-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq.

Mill-atti jirrizulta li l-imputata ġiet arrestata u rrilaxxat zewg stqarrijiet nhar il-hmistax (15) ta' Lulju 2013, wahda fl-ghaxra u nofs ta' filghodu u l-ohra fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar.[1] Tali stqarrijiet ittiehdu wara li l-imputata ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju

[1] Ara fol. 13 u fol. 16 tal-process.

tagħha, liema dritt hija għażlet li teżerċitah u fil-fatt ghaz-zewg stqarrijiet hija kkonsultat lill-Avukat tal-fiducja taghha ta' dak iż-żmien Dr. Kathleen Grima.

Madankollu, l-imputata ma ngħatatx id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tagħha, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali e**t. Ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih. Dan in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji *tiegħu:*

> *"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom*

*kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l- istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l- ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."*

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali.

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

*"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill- istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

L-istess linja ta' hsieb ghandha ghalhekk tapplika fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti. Fic-cirkustanzi l-istqarrijiet tal-imputata odjerna ghandhom jitqiesu bhala lezivi tad-drittijiet taghha u ghalhekk inammissibbli u dan anke fid-dawl tas-sentenzi u pronuncjament supra citati.

<u>**Ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta l-istqarrijiet tal-imputata odjerna, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet li saru fix-xhieda u fl-atti processwali bħala kompletament inammissibbli.**</u>

- **L-Akkuzi li Gew Dedotti Fil-Konfront tal-Imputata**

(a) **L-Akkuza Dwar Traffikar**

L-inammissibilita' tal-istqarrijiet tal-imputata pero' mhumiex sejrin iwasslu ghal nuqqas ta' sejbien tal-htija. Dan ghaliex mill-atti processwali jirrizulta bic-car li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma kienx ibbazat fuq l-istqarrijiet tal-imputata izda qed jistrieh fuq investigazzjoni dettaljata u professjonali li ghamlet il-Pulizija f'dan il-kaz u li grazzi ghal tali investigazzjonijiet, wasslet sabiex gie imkisser cirku tad-droga u individwi (l-maggor taghhom zghazagh) inghataw tbezbiza li waslithom sabiex possibilment ma jaqghux vittmi tad-droga u jilhqu l-point of no return.

Minn ezami tal-atti processwali, il-Qorti hija konvinta li effettivament l-imputata kienet tabilhaqq qeghda tittraffika d-droga mill-Jumbo Bar f'Ghajnsielem u li hija kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina. Jikkonfermaw dan hemm l-Ufficjali tat-Taqsima tas-CID ta' Ghawdex li wettqu sorveljanza u wasslu sabiex qabbdu in flagrante lill-imputata tbiegh id-droga kif ukoll individwi li xtraw id-droga minghand l-imputata mill-bar taghha f'Ghajnsielem. B'mod partikolari ssir riferenza ghax-xhieda li ta PC 138 Joseph Portelli[2] fejn huwa jispjega fid-dettal l-investigazzjonijiet li saru u kif wasslu sabiex inqabdu l-persuni li eventwalment xehdu f'dawn il-proceduri u kkonfermaw li kienu qeghdin jakkwistaw id-droga minghand l-imputata.

[2] Ara Fol. 32 sa 34 tal-process.

Apparti x-xhieda ta' PC 138 Portelli, xehdu wkoll **<u>il-Pulizija l-ohra kollha</u>** li kienu involuti f'din l-investigazzjoni li kienet imqassma fuq jumejn u li anke segwew id-diversi persuni li gew innutati jieqfu fil-Jumbo Bar. Il-Pulizija kienu anke sabu d-droga fuq il-persuna ta' dawn in-nies jew inkella fil-vetturi rispettivi taghhom wara li segwewhom hekk kif hargu mill-Jumbo Bar. Ix-xhieda li nghatat mid-diversi ufficjali tal-Pulizija kienet wahda konsistenti u ma kien hemm l-ebda kunflitt fil-verzjonijiet li taw il-Pulizija. L-ammont sostanzjali ta' flus li nstab fuq il-persuna tal-imputata wkoll ikompli jsahhah it-tezi tal-Prosekuzzjoni li kien qieghed isir bejgh ta' droga.

Il-Prosekuzzjoni kompliet issostni l-kaz taghha billi tellghet id-diversi persuni li kienu xtraw id-droga minghand l-imputata. Kollha minghajr l-ebda eccezzjoni kkonfermaw il-fatt li kienu jafu li l-imputata kienet qeghda tbiegh id-droga mill-bar taghha u li ghalhekk kienu qeghdin jirrikorru ghandha biex jixtru d-droga.[3] Kienu jidhlu fil-bar, jghaddu l-flus minn taht il-bank tal-bar jew mill-genb u min-naha taghha l-imputata kienet tghaddi d-droga. Gieli kien hemm okkazzjonijiet – li dawn xehdu dwarhom ukoll il-Pulizija li ghamlu sorveljanza – fejn sahansitra l-imputata kienet tohrog barra fit-triq hija stess biex tghaddi d-droga lill-klijenti taghha. Dan kollu huwa indikazzjoni li kien hemm pattern/skema

[3] Ara xhieda ta' OMISSIS (Fol. 164 et seq.), OMISSIS (Fol. 167 et seq.), OMISSIS (Fol. 184 et seq.), OMISSIS (Fol. 189 et seq.), OMISSIS (Fol. 294 et seq.), OMISSIS (Fol. 298 et seq.) u OMISSIS (Fol. 313 et seq.).

ta' kif kien qieghed isir ix-xoghol u anke certu element ta' organizzazzjoni u ippjanar ta' dan it-traffikar da parti tal-imputata.

Din il-Qorti m'ghandhiex dubju fuq il-veracita' ta' dak li xehdu l-persuni li xtraw id-droga, kemm ghaliex din hija korraborata mill-Pulizija li kienu qeghdin jaghmlu s-sorveljanza u kif ukoll ghaliex ix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti hija identika ghall-istqarrijiet li taw dawn il-persuni quddiem l-Ispettur kif ukoll quddiem il-Magistrati Inkwirenti Dr. Josette Demicoli.

L-ewwel akkuza ghalhekk tirrizulta li hija ippruvata.

**(b)<u>L-Akkuzi Dwar Pussess Aggravat u Pussess</u>**

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuza u cioe' dak tal-pussess aggravat u dak tal-pussess ta' droga kokajina wkoll jirrizultaw li gew ippruvati. Mit-tfittxijiet li ghamlu l-Pulizija fil-bar tal-imputata fil-presenza tal-istess imputata nstabet sustanza bajda imgezwra fi qratas zghar li l-Ispizjar Godwin Sammut ikkonferma li kienet kokajina b'livell ta' purita ta' tmintax fil-mija (18%). Dan il-bar kien qieghed mikri ghand l-imputata minghand Carmela Grima[4] u l-kirja giet terminata biss f'Settembru 2013. Jirrizulta wkoll li l-imputata kellha wkoll il-kontroll tal-istess fond, kemm ghaliex il-persuni li xtraw id-droga dejjem irriferew li xtraw id-droga minghandha u kemm ghaliex waqt l-istess sorveljanza u qabel ma sar l-arrest, kienet l-imputata stess li ghalqet il-hanut. OMISSIS biss isemmi li

[4] Fol. 148 tal-process.

kien hemm okkazzjoni fejn hu xtara d-droga minghand Mario Bugeja, ir-ragel tal-imputata.

Il-fatt li d-droga kienet qeghda fi qratas zghar individwali jikkonferma bic-car kemm id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputata izda kienet gia lesta biex tigi traffikata. Tant hu hekk li d-droga thalliet f'kaxxa tal-hadid maghluqa f'pakkett tas-sigaretti Rothmans blue u ma ttehditx mill-imputata barra mill-bar meta hija telqet x'hin spiccat mix-xoghol. Apparti minn hekk il-mod ta' kif kienet imqassma d-droga kien car li din kienet intiza sabiex tigi traffikata lil terzi. Mill-provi li gew prodotti individwu li kien imur jixtri d-droga kien jinghata qartas minnhom. Il-Pulizija kkonfermaw ukoll li meta l-imputata harget barra biex hija stess tghaddi d-droga gie nnutat pakkett tas-sigaretti u in fatti l-qratas kienu qeghdin f'pakkett tas-sigaretti.

Dawn huma kollu inferenzi li huma ammissibbli ghal sejbien ta' htija ghar-rigward pussess aggravat, anke fid-dawl ta' dak li stabbiliet il-gurisprudenza Ingliza f'dan ir-rigward:

> *"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*
>
> *(a) Possession of a quantity inconsistent with personal use;*

*(b) Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer;*

*(c) Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

*(d) **Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.** (Enfazi tal-Qorti)*

*(e) Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

*(f) Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

*(g) Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply;*

*(h) Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative*

*significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69;*

(i) *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*[5]"

Id-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha targumenta li tenut kont in-numru ta' qratas li nstabu kif ukoll il-qratas li rrizulta li nbieghu lid-diversi klijenti, l-imputata jigi li bieghet madwar 15.18 - il gramma, ammont li kien minimu. Ghalkemm l-ammont ta' droga li effettivament giet traffikata ghandu u se jkollu effett fuq il-piena li sejra tigi imposta, b'danakollu l-ammont ma jnaqqas xejn mill-gravita tal-kaz. Filwaqt li l-Qorti tista' tifhem li l-imputata kienet ghaddejja minn zmien difficli anke minhabba cirkostanzi familjari u realtajiet li hija kellha tiffaccja habta u sabta, dan pero' fl-ebda hin u bl-ebda mod m'ghandu jwassal biex titnaqqas ir-responsabbilta' kriminali tal-akkadut u jiggustifika dak li ghamlet l-imputata. Jibqa' l-fatt li l-imputata kienet qed tbiegh sustanzi illeciti lil zghazagh u nies ohra u kienet qeghda tikkontribwixxi biex dawn l-istess nies jaqbdu u jkomplu vizzju li seta' jkissrilhom u jeqirdilhom hajjithom.

L-allegazzjoni li l-imputata setghet kienet qed tigi mhedda biex tbiegh minn imkien ma rrizultat mill-atti hlief mix-xhieda ta' Dr. Mark Xuereb, liema xhieda pero' hija biss detto del detto. Dan ghaliex Dr. Xuereb kien sempliciment qieghed jirraporta dak li

[5] Ara www.cps.gov.uk ikkwotata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lawrence Fabri (Appell Numru 243/2016) deciza fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April 2017.

qaltlu l-istess imputata waqt is-sessjonijiet li hija kienet ghamlet mieghu. In oltre Dr. Xuereb lanqas biss ftakar l-isem tal-persuna li allegatament sawwat lill-imputata meta din qaltlu li ma kellhiex droga. Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku l-imputata kienet mhedda dan lanqas ma kien jiggustifika li hija tibda' jew tkompli attivita' li zgur li kienet konxja li kienet wahda kriminali. Jibqa l-fatt ukoll li kif irrileva l-Kummissarju tal-Pulizija fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghalkemm l-imputata ikkooperat mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni taghhom, **hija baqghet ma indikatx lill-Pulizija min kien il-persuna li kien qieghed ifornilha d-droga biex hija tkun tista' tbieghha mill-hanut taghha.**

Ghall-fini ta' piena pero' t-tieni u t-tielet akkuza ghandhom jitqiesu li huma komprizi u involuti fl-ewwel akkuza. Il-pussess aggravat u pussess zgur li servew biex gie kommess ir-reat ta' traffikar. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Zahra**:[6]

> *"L-appellant ghandu ragun meta jissottometti li t-tieni imputazzjoni ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu tad-droga eroina, ghall fini ta' piena, ghandha titqies li tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni li forna jew ipprokura ddroga eroina, ghax dak ir-reat ikun necessarjament serva bhala mezz biex ikun jista' jigi kommess ir-reat ta' traffikar kontemplat fl-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali. Din hija l-gurisprudenza kostanti w inveterata ta'*

[6] Deciza fl-14 ta' Mejju 2019

*l-Qrati Maltin in materia. (ara: "IrRepubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem" [30.10.2002] ; "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ahmed Esawi Mohamed Fakri", "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kandemir Meryen Nilgum w Kucuk Melek" [21.5.2004] u ohrajn)."*

**(c) <u>Ir-Raba' Akkuza – Traffikar ta' Droga f'Distanza ta' Anqas Minn Mitt (100) Metru</u>**

Mill-Atti Processwali rrizulta li hemm skola tal-Ingliz li qeghda bejn ghoxrin (20) u tletin (30) metru mill-Jumbo Bar fejn irrizulta li kien qieghed isir traffikar ta' droga. Dan hareg bl-aktar mod car mix-xhieda tal-Perit Angelo Portelli.[7] Dan il-fatt per se mhuwiex kontestat mid-difiza.

Id-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha ssostni li: *"Mix-xhieda tal-istess xhud [Catherine Pace] jemergi bic-car illi din l-iskola la tilqa' tfal u wisq anqas zghazagh izda hija skola specifikament ghall-adulti, tant hu hekk illi l-istess fuq il-pedana tax-xhieda isostni li: 'The School is for adults, not for children. That's what I wanted to say."*[8] Din il-Qorti pero' ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tad-difiza f'dan ir-rigward.

Persuna zaghzugha hija wkoll adulta u l-fatt li Catherine Pace[9] qalet li din l-iskola tal-ingliz hija ghan-nies adulti – ghalkemm dan jeskludi l-presenza tat-tfal – mhux necessarjament jeskludi li l-istess

[7] Fol. 419 et seq tal-process.
[8] Fol. 575 tal-process.
[9] Fol. 154 et seq tal-process.

skola ma kinitx qed tintuza minn zghazagh sabiex jitghallmu l-Ingliz.  Il-ligi tirreferi ghal skola u ma tiddentifikax min jattendi fl-iskola.

Il-fatt ukoll li l-iskola kienet tkun maghluqa fil-hinijiet ta' filghaxija u bil-lejl lanqas ma jista' b'xi mod jibbenefika lill-imputata.  It-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 ma jaghmilx distinzjoni bejn jekk il-gurnata jew il-hin li fih jinqabad l-imputat f'dik id-distanza, l-iskola jew post fejn jiltaqghu iz-zghazagh ikunx miftuh jew le. Fil-fatt dan il-proviso jispecifika li: *"Iżda wkoll meta persuna tinsab ħatja kif provdut fil- paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill- perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, ... ... il-piena tiżdied bi grad."*

Din kienet ukoll l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)  fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Jason Xuereb** deciza fid-9 ta' Gunju 2009[10] li:

> Meta l-legislatur ipprovda li r-reat ikun aggravat (fis-sens li l-piena tizdied bi grad) jekk isir *"fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh…"*  huwa kien qed jipprovdi ghal kriterju <u>oggettiv</u> u <u>determinat biss mid-distanza</u> [11] proprju ghax il-

[10] Deciza mil-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano

[11] Distanza li tigi kalkolata f'linja dritta mic-centru ta' kwalunkwe punt fic-cirkonferenza – ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Emmanuela Brincat**.

postijiet imsemmija huma tali li lejhom jew qribhom tfal u zghazagh itendu li jiggravitaw indipendentement mill-hin tal-gurnata jew mill-jum tal-gimgha, u indipendentement minn jekk l-iskola, *club*, centru ecc. ikunx dak il-hin miftuh jew maghluq. Din id-disposizzjoni hekk dejjem giet interpretata, u hekk korrettement interpretata u applikata l-ewwel qorti fis-sentenza appellata. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti:

**"Imkien fil-proviso m'hemm xi indikazzjonijiet ta' hinijiet jew jiem. Lanqas ma tidher fil-proviso xi referenza ghal xi htiega ta' xi intenzjoni specifika – jigifieri li wiehed ikun jaf jew deliberatament mar – hdejn skola. Il-proviso huwa redatt f'termini assoluti u interpretazzjoni flessibbli tmur kontra l-ispina dorsali tal-Kapi 31 u 101 li huma intizi biex ikunu ta' deterrent ghal min jipprova jazzarda jitraffika d-droga."**

Konsegwentement u tenut kont tal-fatt li qeghda tinstab htija ghar-rigward l-ewwel tlett (3) imputazzajonijiet, l-aggravanti kontemplat fit-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 gie wkoll ippruvat.

- **KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[12]

**Filwaqt li l-Qorti tista' tifhem li l-imputata kienet ghaddejja minn zmien difficli anke minhabba cirkostanzi familjari u realtajiet li hija kellha tiffaccja habta u sabta, dan pero' fl-ebda hin u bl-ebda mod m'ghandu jwassal biex titnaqqas ir-responsabbilta' kriminali tal-akkadut u jiggustifika dak li ghamlet l-imputata. Jibqa' l-fatt li l-imputata kienet qed tbiegh sustanzi illeciti lil zghazagh u nies ohra u kienet qeghda tikkontribwixxi biex dawn l-istess nies jaqbdu u jkomplu vizzju li seta' jkissrilhom u jeqirdilhom hajjithom.**

[12] Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Kif sostna l-Imhallef Joe Galea Debono fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Ellul**[13] li:

> *Fil-waqt li l-Qorti hadet il-fatturi kollha msemmija mill-Avukat Difensur favur l-akkuzat, mill-banda l-ohra, ma tistax tinjora l-fatt li b'eghmilu l-hati, kien qed ixerred il-qerda fost persuni ohra, b'mod li kien qed jghin biex ikompli jgib rovina fis-socjeta' li kull ma jmur aktar qed tinhakem bil-mewga qerrieda tad-droga.*

**DECIDE**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi u wara li rat ir-regoli 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6 kif ukoll l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza li jidher bhala t-tieni proviso taht l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) kollha tal- Kap. 101 kif ukoll l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha li gew dedotti fil-konfront taghha u qeghda tikkundannaha ghal **sitt (6) snin prigunerija u hamest elef ewro (€5,000) multa.**

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputata Susan Bugeja sabiex a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali thallas l-ammont totali ta' elf tlett mija u sitt ewro u sebgha u sebghin centezmu (€ 1306.77) rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

[13] 24 t'Ottubru, 2007

Finalment, tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment tordna li isem, kunjom u n-numri tal-vetturi li kienu qeghdin juzaw ix-xhieda kollha li xehdu li xtraw id-droga minghand l-imputata kull fejn dawn jirrikorru f'din is-sentenza m'ghandhomx jigu pubblikati f'xi mezz tax-xandir jew tal-istampa.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**